



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13914/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0367 (NLE)**

---

**UK 114**

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim  
dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq  
mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika  
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li temenda l-Protokoll  
dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135<sup>1</sup> fit-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Il-punt (d) tal--Artikolu 164(5) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ('il-Kumitat Konġunt') li jadotta deċiżjonijiet li jemendaw il-Ftehim dwar il-Ħruġ, dment li tali emendi jkunu meħtieġa biex jikkoreġu żbalji, biex jindirizzaw l-ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn, jew biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li ma kinux previsti meta ġie ffirmat il-Ftehim, u dment li tali deċiżjonijiet ma jemendawx l-elementi essenzjali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw dawk id-deċiżjonijiet, li jrid ikollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ('il-Protokoll') jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

- (3) Fl-10 ta' Ġunju l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2020/769<sup>1</sup>, li stabbilixxiet il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Ftehim dwar il-Ħruġ. Għad hemm il-ħtieġa li seba' atti li huma essenzjali għall-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern għall-merkanzija għall-Irlanda ta' Fuq jitniżżlu fl-Anness 2 għall-Protokoll. Huwa wkoll meħtieġ li jiddaħħlu tliet noti sabiex jiddefinixxu ulterjorment il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti atti speċifiċi elenkati fl-Anness 2 għall-Protokoll.
- (4) Żewġ atti legali dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 ta' karożżi u vannijiet ġodda rreġistrati fl-Unjoni ġew elenkati bi żball fil-punt 9 tal-Anness 2 għall-Protokoll. Għall-kuntrarju ta' leġislazzjoni oħra elenkata fl-Anness 2 għall-Protokoll u magħmula applikabbli permezz tal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll, dawk iż-żewġ atti mhumie x relatati mat-tqegħid fis-suq ta' oġġetti fl-Unjoni. Għalhekk għandhom jitneħħew minn dak l-Anness.
- (5) Att legali wieħed dwar il-plastik li jintuża darba biss jirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' tali oġġetti u l-moviment liberu tal-oġġetti, għalkemm parzjalment biss. Huma biss dawk id-dispożizzjonijiet li huma essenzjali għall-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li għandhom jiġu inklużi fl-Anness 2 għall-Protokoll.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/769 tal-10 ta' Ġunju 2020 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-emendar tal-Ftehim (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 12).

- (6) Jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjoni skont il-punt (d) tal-Artikolu 164(5)tal-Ftehim dwar il-Ħruġ biex jindirizza dawk l-iżbalji.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

Id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ABBOZZ

**ID-DEĊIŻJONI NRU .../2020**

**TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM  
DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA  
U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA  
U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA**

**ta' ...**

**li temenda l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq  
tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja  
u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea  
u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-punt (d) tal-Artikolu 164(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-punt (d) tal-Artikolu 164(5) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (“il-Kumitat Konġunt”) li jadotta deċiżjonijiet li jemendaw il-Ftehim dwar il-Ħruġ, dment li tali emendi jkunu meħtieġa biex jikkoreġu żbalji, biex jindirizzaw ommissjonijiet jew nuqqasijiet oħrajn, jew biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li ma kinux previsti meta ġie ffirmat il-Ftehim, u dment li tali deċiżjonijiet ma jemendawx l-elementi essenzjali ta’ dak il-Ftehim. Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit iridu jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (2) Skont l-Artikolu 182 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta’ Fuq (“il-Protokoll”) jifforma parti integrali minn dak il-Ftehim.
- (3) Żewġ atti legali dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta’ CO<sub>2</sub> ta’ karożżi u vannijiet ġodda rreġistrati fl-Unjoni li huma elenkati taħt l-intestatura 9 tal-Anness 2 għall-Protokoll u li saru applikabbli għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq permezz tal-Artikolu 5(4) ta’ dak il-Protokoll, mhumieks relatati mat-tqegħid fis-suq ta’ tali vetturi fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness 2 għall-Protokoll.



- (4) Tmien atti legali li huma essenzjali għall-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern għaloġġetti fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u li tħallew barra fiż-żmien tal-adozzjoni, jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness 2 għall-Protokoll.
- (5) Sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti atti diġà elenkati fl-Anness 2 għall-Protokoll, jenħtieġ li jiżdiedu tliet noti ma' dak l-Anness;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

L-Anness 2 għall-Protokoll għandu jiġi emendat kif ġej:

1. taħt l-intestatura "9. Vetturi bil-mutur, inklużi tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija", l-entrati li ġejjin għandhom jitħassru:
  - "– Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief
  - "– Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn vetturi ħfief"
2. taħt l-intestatura "6. Regolamenti dwar salvagwardji bilaterali", għandha tiżdied l-entrata li ġejja:
  - "– Regolament (UE) 2019/287 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Frar 2019 li jimplimenta klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet kummerċjali konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi<sup>1</sup>";

---

<sup>1</sup> ĠU L 53, 22.2.2019, p. 1.

3. taħt l-intestatura "23. Sustanzi kimiċi u relatati", għandha tiżdied l-entrata li ġejja:
- "– Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ tal-kummerċ fil-prekursuri tad-droga bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi<sup>1\*</sup>";
4. taħt l-intestatura "25. Skart", għandha tiżdied l-entrata li ġejja:
- "– L-Artikoli 2 sa 7, l-Artikoli 14 u 17 u l-Partijiet A, B, C, D u F tal-Anness għad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent<sup>2\*</sup>";
5. taħt l-intestatura "29. Ikel - ġenerali", għandha tiżdied l-entrata li ġejja:
- "– Id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett tal-ikel<sup>3</sup>";
6. taħt l-intestatura "42. Materjal riproduttiv tal-pjanti", għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:
- "Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing ta' żerriegħa ta' pjanti għall-ġhalf<sup>4</sup>

---

<sup>1</sup> ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 334, 16.12.2011, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298.

- Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-materjali tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali<sup>1</sup>
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żriġh, barra ż-żerriegħa<sup>2</sup>”;

7. taħt l-intestatura "47. Oħrajn", għandha tiżdied l-entrata li ġejja:

- "– Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali"

8. taħt l-intestatura "4. Aspetti ġenerali relatati mal-kummerċ", wara l-entrata għar-  
 “Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008”, għandha tiddaħħal in-nota li ġejja:

“Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-preferenzi tariffarji għal pajjiżi eliġibbli skont is-Sistema Ġenerali ta' Preferenzi tal-Unjoni għandhom ikunu applikabbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq:

- ir-referenzi għal ‘Stat Membru’ fl-Artikolu 9(1)(c)(ii), u fil-Kapitolu VI [Dispożizzjonijiet ta' Salvagwardja u Sorveljanza] tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq;

---

<sup>1</sup> ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16.

<sup>2</sup> ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28.

- ir-referenzi għas-“suq tal-Unjoni” fl-Artikolu 2(k) u l-Kapitolu VI [Dispożizzjonijiet ta’ Salvagwardja u Sorveljanza] fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinqraw li jinkludu s-suq tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq; u
- ir-referenzi għal “produtturi tal-Unjoni” u għal “industrija tal-Unjoni” fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 ma għandhomx jinqraw li jinkludu l-produtturi jew l-industrija tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.”;

9. taħt l-intestatura "5. Strumenti għad-difiża tan-negozju", direttament taħt l-intestatura, għandha tiddaħħal in-nota li ġejja:

“Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-miżuri għad-difiża tan-negozju tal-Unjoni għandhom ikunu applikabbli fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, ir-referenzi għal ‘Stati Membri’ jew ‘Unjoni’ fir-Regolament (UE) 2016/1036, ir-Regolament (UE) 2016/1037, ir-Regolament (UE) 2015/478 u r-Regolament 2015/755 ma għandhomx jinqraw li jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq. Barra minn hekk, l-importaturi li ħallsu dazji antidumping jew kumpensatorji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta’ oġġetti li kienu rilaxxati mid-dwana fl-Irlanda ta’ Fuq jistgħu jitolbu biss għal rifużjoni ta’ dazji bħal dawn skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jew l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037, rispettivament.”;

10. taħt l-intestatura "6. Regolamenti dwar salvagwardji bilaterali ", direttament taħt l-intestatura, għandha tiddaħħal in-nota li ġejja:

“Mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-miżuri ta’ salvagwardja bilaterali tal-Unjoni japplikaw fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, ir-referenzi għal “Stati Membri” jew “Unjoni” fir-regolamenti elenkati hawn taħt ma għandhomx jinqraw li jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq.”;

11. taħt l-intestatura "25. Skart", wara l-entrata għad-"Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent", għandha tiddaħħal in-nota li ġejja:

“Fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ dawk l-Artikoli u l-Partijiet għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta’ Fuq, kwalunkwe referenza għat-“3 ta’ Lulju 2021” fl-Artikoli 4(1), 14 u 17(1) għandha tinqara bħala “1 ta’ Jannar 2022”. L-Artikoli 2, 3, 14 u 17, u l-Parti F tal-Anness, għandhom japplikaw biss sa fejn jirrigwardaw l-Artikoli 4 sa 7.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Komitat Konġunt*

*Il-Kopresidenti*

---